**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Jannar 2021**

**Talba Nru: 62/20 CZ**

**Av. Stephen Muscat (ID No. 420772 (M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Autronica Fire and Security AS**
**vs.**

**Force India Limited (C 48942)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-25 ta' Frar 2020 fejn premettiet:

1. Illi l-kumpanija attrici timmanifattura u tforni prodotti relatati ma' *fire and gas safety*;

2. Illi r-rikorrenti ghamlet xoghlijiet fuq is-sistema ta' alarm tan-nar tal-yacht Force India, liema yacht huwa tas-socjeta' konvenuta;
3. Illi l-invoice relatata max-xoghol maghmul mill-kumpanija rikorrenti hija hawn annessa bhala Dok. A;
4. Illi l-prezz ghas-servizzi provduti jammonta ghal erbat'elef, mija u tlieta u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€4,183.23);
5. Illi ghalkemm is-socjeta' rikorrenti talbet lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ammont dovut, din xorta baqghet inadempjenti;
6. Illi ghalhekk kellhom jinbdew dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob li dan it-Tribunal sabiex:-

1. Jiddikjara illi l-ammont ta' erbat'elef, mija u tlieta u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€4,183.23) huwa dovut lill-kumpanija rikorrenti mis-socjeta' intimata;
2. Jordna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont imsemmi ta' erbat'elef, mija u tlieta u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€4,183.23).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2021.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta ossia rapprezentant taghha naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' erbat'elef, mija u tlieta u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€4,183.23), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur